MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2013

Numru. 743/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIE MICALLEF**

**VS**

**JOSEPH FRANCIS SCERRI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Francis Scerri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 214062 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar l-20 ta` Lulju 2012 u fix-xhur u s-snin ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta` aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37), ghad-dannu ta` Mario Grech, Fatma Borg u Anthony Cassar;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/I ohra, is-somma ta` aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37) ghad-dannu ta` Mario Gauci, Fatma Borg u Anthony Cassar, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u l-istess somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;

3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` cekk tal-**Bank of Valletta p.l.c.**, li jippartjeni lil **M. Grech Fin. Serv. Ltd.**, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` cekk tal-**APS**

**Bank Ltd.**, li jippartjeni lil Mario Gauci, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, kitba jew skrittura falza.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta` htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta` l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat/I ghal hlas ta` spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 308, 309, 310, 293, 294, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, wara li ezaminat id-dokumenti esebiti u semghet ix-xhieda prodotta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat. Ghar-rigward tal-piena u wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, tiddeciedi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta tikkundannah ghal terminu ta` prigunerija ta` sentejn (2) izda tordna li dan il-perjodu ma jibdiex jiddekorri jekk sa zmien sitt (6) xhur millum l-

imputat huwa jkun hallas lura l-ammont ta` sebat elef u tmien mitt ewro (€7,800) lil Mario Gauci, Fatima Borg u Anthony Cassar.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------